

Brussell, 19 ta' Novembru 2021
(OR. en)

13897/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0210(COD)**

**TRANS 674
MAR 213
ENV 876
ENER 495
IND 348
COMPET 819
ECO 123
RECH 507
CODEC 1474**

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	ST 12813/21 ST 10327/21 INIT + ADD1-3
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE <ul style="list-style-type: none">• Rapport ta' progress / Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Presidenza pprevediet rapport ta' progress u dibattitu ta' orjentazzjoni għall-Kunsill TTE (Trasport) tad-9 ta' Diċembru 2021 dwar il-proposta msemmija hawn fuq. Sabiex tinforma lill-Ministri dwar il-progress li sar s'issa u biex tmexxi skambju ta' fehmiet dwar kwistjonijiet sostanzjali, il-Presidenza ħejjiet rapport ta' progress (fl-Anness I) u dokument ta' politika (fl-Anness II).

Il-Coreper/Kunsill ser jiġi mistieden jieħu nota tar-rapport ta' progress imniżżel fl-Anness I. Il-Kunsill ser jiġi mistieden jindirizza l-kwistjonijiet imniżżla fl-Anness II.

I. INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta ta' hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2021 bħala parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" ¹ bil-għan li l-politiki tal-UE dwar il-klima, l-enerġija, l-użu tal-art, it-trasport u t-tassazzjoni jkunu adatti biex tintlaħaq il-mira tal-UE ta' tnaqqis domestiku nett ta' mill-inqas 55 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 meta mqabbel mal-1990.

L-objettiv tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" huwa li jintlaħqu l-miri miftiehma fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima ² sabiex l-ekonomija u s-soċjetà jiġu ttrasformati b' mod fundamentali għal ġejjieni aktar ġust, aktar ekoloġiku u aktar għani. It-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-għaxar snin li ġejjin huwa kruċjali biex l-Ewropa ssir l-ewwel kontinent fid-dinja b'impatt newtrali fuq il-klima sal-2050 u biex il-Patt Ekoloġiku Ewropew isir realtà.

Sabiex jintlaħaq l-għan li l-UE titqiegħed fit-triq li jkollha impatt newtrali fuq il-klima sal-2050, jenħtieġ tnaqqis ta' madwar 90 % fl-emissjonijiet tat-trasport. Il-proposta ta' hawn fuq ikollha rwol sinifikanti f' dan, peress li l-objettiv ewlieni tagħha huwa li żżid kemm id-domanda kif ukoll użu konsistenti ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju fis-settur marittimu, filwaqt li tiżgura l-operat mingħajr xkiel tat-traffiku marittimu u l-evitar ta' distorsjonijiet fis-suq intern. B' mod partikolari, id-dispożizzjonijiet ewlenin tagħha jiffokaw fuq l-aspetti li ġejjin:

- (i) l-istabbiliment ta' miri ta' tnaqqis għall-intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-enerġija użata abbord mill-bastimenti;
- (ii) l-istabbiliment ta' rekwiżiti għall-użu ta' provvista tal-enerġija fuq l-art jew ta' enerġija b'emissjonijiet zero waqt l-irmiġġ għal bastimenti applikabbli mill-2030;

¹ Il-pakkett hu magħmul minn tnaqqis tal-proposta tal-Kummissjoni fil-qasam tal-enerġija, l-ambjent, it-tassazzjoni, il-kummerċ u t-trasport; qabel tmiem din is-sena għadhom mistennija proposti addizzjonali fil-qasam tal-politika tal-enerġija. Tliet proposti leġiżlattivi huma relatati direttament mal-politiki dwar it-trasport: il-proposta msemmija hawn fuq (jiġifieri r-Regolament propost dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu – "FuelEU Maritime"), ir-Regolament propost dwar l-użu ta' fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli fl-industrija tal-avjazzjoni ("ReFuel Aviation") u r-Regolament propost dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi ("AFIR").

² Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021).

(iii) l-istabbiliment tal-prinċipji dwar l-għadd ta' bijokarburanti, bijogass, fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u fjuwils tal-karbonju riċiklati fi ħdan il-miri tat-tnaqqis tal-intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra;

(iv) l-istabbiliment taċ-ċertifikat tal-konformità FuelEU u l-obbligu għall-bastimenti li jgorrh abbord; u

(v) l-introduzzjoni ta' proċeduri ta' monitoraġġ, rappurtar, verifika, spezzjoni, u infurzar, u dispożizzjonijiet finanzjarji (inkluż penali għall-bastimenti għan-nonkonformità kif ukoll l-allokazzjoni ta' dawn il-penali lill-Fond għall-Innovazzjoni).

Il-fajl jippreżenta wkoll interkonnessjonijiet ma' proposti oħra tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %". B'mod partikolari, id-definizzjoni ta' fjuwils msemmija fih kif ukoll xi parametri użati għall-għadd tagħhom (eż. il-kriterji tat-tnaqqis tal-gassijiet serra kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju) ġejjin mid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED)³. Xi dispożizzjonijiet relatati mal-provvista tal-elettriku fil-portijiet marittimi huma marbuta mill-qrib mar-Regolament propost dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi – "AFIR"⁴. Ta' min ifakkar ukoll li r-ritmu tad-dekarbonizzazzjoni fis-settur ser ikun influwenzat b'mod sinifikanti mir-reviżjoni tal-ETS⁵ li issa tindirizza wkoll it-trasport marittimu u tintroduċi mekkaniżmu tal-ipprezzar tal-karbonju.

II. ĦIDMA F'ISTITUZZJONIJIET OĦRA

Il-Parlament Ewropew ħatar lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) bħala l-kumitat responsabbli⁶ mill-proposta FuelEU Maritime u lis-Sur Jörgen Warborn (SE, PPE) bħala r-rapporteur.

³ Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018).

⁴ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill - dokumenti 10877/21 + ADD 1 -7.

⁵ Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni, id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u r-Regolament (UE) 2015/757 - dokumenti 10875/21 + ADD 1 – 7).

⁶ Il-kumitati parlamentari ITRE u ENVI ser jaġixxu skont il-proċedura b'kumitati assoċjati (regola 57 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew).

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni għadhom ma adottawx l-opinjoni tagħhom dwar il-proposta.

III. ĦIDMA FIL-KUNSILL U FIL-KORPI PREPARATORJI TIEGĦU

Matul il-Presidenza Slovena, għadd sinifikanti ta' laqgħat fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu ttrattaw il-proposta FuelEU Maritime. Sal-lum, ħax-il laqgħa ġew iddedikati għal eżami bir-reqqa artikolu b'artikolu tal-proposta, il-valutazzjoni tal-impatt tagħha u l-interkonnessjonijiet ma' proposti oħra tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %".

Barra minn hekk, il-proposta FuelEU Maritime ġiet indirizzata fil-qafas ta' skambju usa' ta' fehmiet dwar it-tliet fajls relatati mat-trasport tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" li sar fil-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-12 ta' Novembru 2021.

Il-Presidenza Slovena ħejjiet ukoll rapport (dokument 13977/21) bil-għan li tipprovdi sitwazzjoni ġenerali u ħarsa ġenerali lejn il-progress li sar mhux biss dwar din il-proposta iżda b'mod ġenerali dwar il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %". Ir-rapport jiffoka fuq l-aspetti orizzontali tal-pakkett, bħall-interkonnessjonijiet bejn il-proposti, u l-kwistjonijiet ewlenin li tqajmu s'issa fid-diskussjonijiet. Dak ir-rapport tqassam lill-konfigurazzjonijiet kollha tal-Kunsill responsabbli għall-proposti differenti tal-pakkett bħala dokument ta' sfond.

IV. KWISTJONIJIET POLITIĊI EWLENIN U PROGRESS

Id-diskussjonijiet urew li l-Istati Membri jagħtu importanza sinifikanti lill-proposta, peress li jikkondividu r-raġunament u l-oġettivi tagħha. Madankollu, huma wrew ukoll li l-proposta hija perċepita bħala kumplessa, kemm mil-lat tekniku kif ukoll minn dak politiku, u li jenħtieġ aktar żmien għal eżami xieraq mill-Istati Membri. Matul id-diskussjonijiet, ħafna delegazzjonijiet tabilħaqq indikaw regolament ir-riżervi ta' skrutinju ġenerali jew parlamentari tagħhom dwar il-proposta.

Il-kwistjonijiet politiċi ewlenin enfasizzati matul id-diskussjonijiet huma relatati mal-aspetti li ġejjin:

1) il-kamp ta' applikazzjoni, minn naħa waħda, il-kamp ta' applikazzjoni "sostantiv" (jiġifieri l-applikazzjoni għall-bastimenti kollha b'aktar minn 5000 tunnellaġġ gross) u, min-naħa l-oħra, il-kamp ta' applikazzjoni "ġeografiku" (jiġifieri l-applikazzjoni tar-Regolament propost għal bastimenti fir-rigward ta' 50 % tal-enerġija użata fi vjaġġi li jtilqu minn/jaslu f'port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, fejn l-aħħar port/il-port li jmiss ikun taħt il-ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz);

2) il-miri tat-tnaqqis tal-intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra;

3) ir-rekwiżiti tal-provvista tal-enerġija fuq l-art;

4) l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju kif ukoll regoli dwar l-għadd tagħhom għall-fini li jintlaħqu l-miri tat-tnaqqis tal-intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra; u

5) il-governanza tal-proposta (inklużi aspetti ta' infurzar u penali).

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Presidenza Slovena ma qisix adatt li taħdem f'dan l-istadju lejn kompromess li jindirizza kwistjonijiet sostanzjali jew kontroversjali u ffokat minflok fuq test ta' kompromess limitat għal aspetti editorjali jew tekniċi⁷ li ġie ppreżentat u eżaminat fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu.

V. KONKLUŻJONIJIET

Abbażi tal-ħidma mwettqa s'issa, il-Presidenza waslet għall-konklużjonijiet li ġejjin:

1. filwaqt li l-Istati Membri fil-biċċa l-kbira jaqblu mal-maġġoranza tal-oġġettivi tal-abbozz ta' Regolament, huma jeħtieġu aktar żmien biex jeżaminawh kif support; u
2. għalhekk hija meħtieġa aktar ħidma sabiex isir progress sostanzjali dwar din il-proposta.

Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u l-Kunsill huma mistiedna jieħdu nota ta' dan ir-rapport ta' progress rigward il-proposta FuelEU Maritime.

⁷ Dokument 12813/21.

***Dokument ta' politika biex imexxi d-diskussjoni fil-Kunsill TTE (Trasport) tad-
9 ta' Diċembru 2021***

It-trasport marittimu huwa vettur essenzjali għall-kummerċ u l-konnettività interni u esterni tal-UE. Għalkemm is-settur jirrappreżenta b'mod inekwivoku mutur sinifikanti tat-tkabbir ekonomiku u jgħib miegħu benefiċċji ekonomiċi u soċjali sostanzjali għall-UE, għandu wkoll impatt fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem. Minkejja l-progress li sar f'dawn l-aħħar snin, is-settur marittimu għadu jiddependi kważi għalkollox fuq il-fjuwils fossili u jikkostitwixxi sors sinifikanti ta' gassijiet b'effett ta' serra u emissjonijiet ta' inkwinanti dannużi oħra.

Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima⁸ għandha l-għan li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra b'mill-inqas 55 % sal-2030 u li tqiegħed lill-UE fit-triq li jkollha impatt newtrali fuq il-klima sal-2050, meta huwa mistenni tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet tat-trasport. Biex jiġi ffaċilitat l-ilħuq ta' dak l-għan, f'Lulju 2021 ġew adottati għadd ta' inizjattivi leġislattivi fi ħdan il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %". Il-proposta "**FuelEU Maritime**"⁹ tagħmel parti mill-pakkett ta' miżuri mmirati lejn l-indirizzar tal-emissjonijiet mis-settur marittimu. B'mod partikolari, din l-inizjattiva tistabbilixxi regoli biex titnaqqas l-intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-enerġija użata abbord minn bastimenti li jaslu fi, ġewwa jew jitilqu minn portijiet taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri tal-UE, filwaqt li tippromwovi użu akbar ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju fit-trasport marittimu.

Matul il-Preżidenza Slovena, il-proposta u l-valutazzjoni tal-impatt tagħha ġew analizzati bir-reqqa fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu. Id-diskussjoni wriet b'mod ċar li l-Istati Membri jagħtu importanza sinifikanti lil din il-proposta, peress li jikkondividu r-raġunament u l-oġettivi tagħha. Madankollu, in-natura teknika ħafna tagħha u l-kumplessità ta' xi dispożizzjonijiet jeħtieġu attenzjoni bir-reqqa u eżami ulterjuri. Fid-dawl ta' dan, il-Preżidenza tqis li skambju ta' fehmiet fil-livell tal-Kunsill TTE (Trasport) ikun ta' benefiċċju. L-Istati Membri huma għalhekk mistiedna jaqsmu l-fehmiet tagħhom fir-rigward tal-aspetti li ġejjin tal-proposta:

⁸ Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021).

⁹ Proposta għal Regolament dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (dokument 10327/21 + ADD 1 – 3).

1. il-mod kif jinbnew iż-żewġ miżuri ewlenin rigward il-limitu għall-intensità annwali tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-enerġija użata abbord minn bastiment u l-użu ta' provvista tal-enerġija fuq l-art jew ta' enerġija b'emissjonijiet żero waqt l-irmiġġ, inkluż id-dimensjoni u l-implikazzjonijiet internazzjonali;
2. il-governanza ġenerali li għandha tapplika u tinforza r-regolament propost (eż. attivitajiet ta' monitoraġġ u rappurtar, proċeduri ta' verifika, penali, eċċ.).

